



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2018
COM(2018) 229 final

2018/0109 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-“Regolament Bażiku”), l-għan tal-politika komuni tas-sajd (il-PKS) huwa li tiżgura li r-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jiġu sfruttati b’mod li jipprovdi sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul.

Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE², l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar li, fost affarijiet oħrajn, fiha l-prinċipji u r-regoli għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar. Fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali aktar ġenerali tagħha, l-Unjoni tiegħu sehem fl-isforzi li jsiru fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE³, l-Unjoni ilha mill-14 ta’ Novembru 1997 Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (“il-konvenzjoni ICCAT”).

Il-Konvenzjoni ICCAT tipprevedi qafas għall-kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u tal-ispeċijiet li jixbhuh fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta’ madwaru permezz tat-twaqqif ta’ Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-“ICCAT”).

L-ICCAT għandha s-setgħa tadotta deċiżjonijiet obligatorji (rakkomandazzjonijiet) għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd li jidħol fil-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, li jorbtu legalment lill-Partijiet Kontraenti. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet huma maħsubin b’mod ewlieni għall-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ICCAT, iżda jinkludu wkoll ċerti obbligi għall-operaturi privati (pereżempju għall-kaptani tal-bastimenti). Ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jidħlu fis-seħħ sitt xhur wara li jiġu adottati u, fil-każ tal-Unjoni, iridu jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni malajr kemm jista’ jkun.

Waqt il-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2016 li saret f’Vilamoura (fil-Portugall), il-PKK tal-ICCAT⁴ ħadu pass importanti ’l quddiem biex jindirizzaw is-sitwazzjoni allarmanti tal-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*) billi, fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, adottaw pjan ta’ rkupru ta’ 15-il sena. Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi r-regoli għall-konservazzjoni, għall-ġestjoni u għall-kontroll tal-istokk tal-pixxispad fil-Mediterran sabiex

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta’ Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta’ Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta’ Lulju 1994 li għandu x’jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f’Pariġi fl-10 ta’ Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

⁴ Il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ICCAT u l-partijiet, l-entitajiet jew l-entitajiet tas-sajd mhux kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha.

jinkiseb livell tal-bijomassa li jkun jikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli sal-2031 u jkun hemm probabbiltà ta' mill-inqas 60 % li jintlaħaq dan il-għan.

Permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarjat tal-ICCAT, f'Diċembru tal-2016 l-Unjoni Ewropea kkonfermat li kienet se tibda timplimenta r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

L-għan ta' din il-proposta huwa li r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT tiġi trasposta fil-liġi tal-UE sabiex l-Unjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha u sabiex l-operaturi jingħataw iċ-ċertezza legali dwar ir-regoli u l-obbligi tagħhom.

Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT li tistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran teżiġi li l-pixxispad jiġi skartat u rrilaxxat f'ċerti ċirkustanzi. Għall-finijiet tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tagħha fil-kuntest tal-ICCAT, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191⁵ jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-pixxispad tal-Mediterran, kif mogħti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku. B'hekk, dan ir-Regolament li jistabbilixxi pjan għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran ma hemmx bżonn li jkopri t-tali obbligi ta' skartar u ta' rilaxx u se jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191.

Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Bażiku, l-obbligu ta' ħatt l-art irid jiġi implimentat mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta t-tali obbligi internazzjonali fil-liġi tal-Unjoni, fosthom, b'mod partikulari, id-derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art.

Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT toħloq l-obbligu li jiġi skartat il-pixxispad li jkun abbord il-bastimenti, fosthom dawk tas-sajd sportiv u rikreattiv, li jaqbeż il-kwota allokata għall-bastiment u/jew il-livell massimu tal-qabdiet aċċessorji permessi. Il-pixxispad tal-Mediterran li jkun inqabad u ttella' abbord il-bastimenti u li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni wkoll se jkollu jiġi skartat, ħlief għal ċertu limitu ta' qabdiet aċċessorji stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127⁶ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Is-soltu, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

Bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT ġiet stabbilita qabda totali permissibbli (TAC) ta' 10 500 tunnellata għall-pixxispad tal-Mediterran. Madankollu, l-ICCAT ma qassmitx it-TAC fost il-PKK tagħha u għalhekk, meta ġie ppubblikat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127, is-sehem tal-Unjoni minn din it-TAC kien għadu ma ġiex stabbilit. L-

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191 tat-30 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, fir-rigward tal-istokkijiet tal-pixxispad tal-Mediterran (ĠU L 36, 9.2.2018, p. 13).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

ICCAT kellha tlaqqa' grupp ta' ħidma biex jiddefinixxi skema ta' allokkazzjoni ġusta u ekwa tat-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran u biex jistabbilixxi kwota għall-PKK għall-2017.

Il-Grupp ta' Ħidma Ilaqqa' f'Madrid bejn l-20 u t-22 ta' Frar 2017 u matul din il-laqgħa l-Partijiet ftiehm u bejniethom dwar l-allokkazzjoni tal-kwoti għall-2017 u laħqu kompromess dwar il-ġestjoni tal-użu tal-kwoti għall-2017.

Għalhekk kien importanti li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 jiġi emendat biex l-operaturi jingħataw iċ-ċertezza legali kemm dwar il-kwantitajiet ta' pixxispad tal-Mediterran li setgħu jaqdbu fl-2017, kif ukoll dwar l-istabbiliment ta' żoni fejn hemm limiti tal-qbid. Dan sar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398⁷.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam ta' politika**

Il-pixxispad fil-Mediterran kien irregolat biss permezz tal-miżuri tekniċi msemmijin fl-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran⁸, u wara bl-Artikoli 20 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007⁹.

Matul in-negożjati, il-pożizzjoni tal-UE kienet tikkonforma mal-għanijiet tal-Artikolu 2(2), tal-Artikolu 28(1) u (2) u tal-Artikoli 29 u 33 tar-Regolament Bażiku.

Il-miżuri li ġew adottati permezz tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, li dan ir-Regolament qed jittrasponi, huma iktar restrittivi jew iktar preċiżi mill-miżuri li huma diġà fis-seħħ (ara hawn fuq), sabiex l-istokk ikun jista' jirkupra. Id-differenzi ewlenin ta' bejniethom jistgħu jingħabru fil-qosor kif ġej:

(a) id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni: l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament jiddefinixxi d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni bħala tul tal-ħut ta' inqas minn 100 cm mix-xedaq ta' isfel sal-furketta, jew piż ħaj tal-ħut ta' inqas minn 11,4 kg jew piż tal-ħut ta' inqas minn 10,2 kg wara li jkun tneħħewlu l-garġi u jkun issewwa. Għalhekk, dan l-Artikolu huwa iktar restrittiv mill-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2107 li jiddefinixxi d-daqs minimu bħala tul tal-ħut ta' inqas minn 90 cm mix-xedaq ta' isfel sal-furketta jew, b'mod alternattiv, piż ħaj tal-ħut ta' inqas minn 10 kg jew piż tal-ħut ta' inqas minn 9 kg wara li jkun tneħħewlu l-garġi u jkun issewwa, jew piż ta' inqas minn 7,5 kg wara l-ipproċessar (wara li jkun tneħħewlu l-garġi, jkun issewwa u jkun tneħħewlu l-pinen u parti mir-ras);

(b) l-għadd massimu ta' snanar: l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-għadd massimu ta' snanar li l-bastimenti tas-sajd li jkun qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran jistgħu jkalaw jew jieħdu abbord bħala 2 500 sunnara. Għalhekk, dan l-Artikolu huwa iktar restrittiv mill-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2017/2107, li jgħid hekk: "B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, l-għadd massimu ta' snanar li

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398 tal-25 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd (ĠU L 199, 29.7.2017, p. 2).

⁸ ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11, emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 (ĠU L 308, 25.11.2015, p. 1).

⁹ ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1.

jistgħu jiġu kalati jew jittieħdu abbord il-bastimenti li jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran għandu jkun iffissat għal 2 800 sunnara”;

(c) il-perjodu tal-għeluq: il-perjodu tal-għeluq mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu ta' kull sena diġà ġie adottat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398 tal-25 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd¹⁰ u permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni¹¹. Għalhekk, il-perjodi tal-għeluq iddefiniti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2017/2107 ma għadhomx validi;

(d) id-definizzjoni tat-TAC u l-allokkazzjoni tal-kwoti diġà ġew trasposti fl-2017 u issa jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Għalhekk ma hemmx bżonn li t-traspożizzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd tkun inkluża hawnhekk.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-paragrafu 1 tagħha, ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, li qed tiġi trasposta hawnhekk, tgħid biċ-ċar li l-Partijiet Kontraenti li l-bastimenti tagħhom diġà jistadu b'mod attiv għall-pixxispad fil-Mediterran għandhom jimplementaw pjan ta' rkupru ta' 15-il sena li jibda fl-2017 u li jkompli għaddej sal-2031, sabiex ikun hemm probabbiltà ta' mill-inqas 60 % li jintlaħaq il- B_{msy} . L-għan u t-tul ta' żmien massimu tal-pjan (sal-2031) jidhru li jmorru kontra l-għan tal-politika komuni tas-sajd li tintlaħaq rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (F_{msy}) sa mhux iktar tard mill-2020. Madankollu, skont l-Artikolu 28(1) u (2) u l-Artikoli 29 u 33 tar-Regolament Bażiku, iridu jitqiesu ċerti elementi sabiex tiġi ġġustifikata d-deroga mill-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku:

(a) l-istokk ma jiġix sfruttat biss mill-Unjoni Ewropea iżda mill-pajjiżi kollha ta' max-xatt tal-Mediterran, xi wħud fil-kuntest tas-sajd dirett (bħal fil-każ tal-Marokk, tal-Alġerija, tat-Tuneżija u tat-Turkija) u xi wħud fil-kuntest tal-qabdiet inċidentali;

(b) il-ġestjoni tal-istokk tinsab f'idejn il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) li fiha l-Unjoni Ewropea hija waħda mill-51 Parti Kontraenti;

(c) kien f'Novembru tal-2016 li ġie rrakkomandat pjan ta' rkupru wara li l-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika (l-SCRS, li huwa l-korp xjentifiku tal-ICCAT) ressaq il-valutazzjoni tiegħu tal-istokk;

(d) id-dinamika tal-popolazzjoni u x-xejra tal-isfruttament ta' din l-ispeċi ma jippermettux li l-livell tal-bijomassa jiżdied minn issa sal-2020 u jitolbu perjodu itwal taż-żmien li ġie stabbilit bħala perjodu ta' 15-il sena fil-parir xjentifiku;

¹⁰ ĠU L 199, 29.7.2017, p. 2.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

(e) anke jekk wieħed japplika l-iktar miżuri ħorox għall-flotta tal-UE (jiġifieri l-għeluq totali tas-sajd), il-livelli tal-bijomassa li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli mhux se jkunu jistgħu jintlaħqu sal-2020;

(f) diġà kien hemm pjan ta' rkupru li l-ICCAT adottat u li ġie traspost fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan kien il-pjan għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li ġie stabbilit fl-2006 permezz tar-Rakkomandazzjoni 06-05 tal-ICCAT u li wkoll kien għal 15-il sena (sal-2022). Dan il-pjan ta' rkupru ġie implimentat fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) 2016/1627¹². Fl-2017 (ħames snin qabel id-data ta' limitu biex jintlaħaq l-għan b'rabta mal-bijomassa), kien diġà ntlaħaq qbil, fid-dawl tal-iktar parir xjentifiku riċenti tal-SCRS, li ma kienx għad hemm bżonn tal-miżuri inklużi fil-pjan ta' rkupru.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE minħabba li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex jiġu segwiti l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE). Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta se tiżgura li l-liġijiet tal-Unjoni b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd tal-pixxispad fil-Mediterran u, b'mod partikulari, ir-regoli u l-obbligi kollha tal-pjan ta' rkupru approvat mill-ICCAT, jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, u se tiżgura li l-Unjoni tikkonforma mad-deċiżjonijiet li jieħdu l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li fihom l-Unjoni hija Parti Kontraenti. Dan se jitwettaq billi jsir biss dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq.

• Għażla tal-istrument

L-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

• Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Mhumiex rilevanti.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri ġew infurmati dwar din il-proposta waqt il-laqgħa tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura li saret fit-8 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran (il-MEDAC) ġie infurmat dwar din il-proposta waqt il-laqgħa li saret fl-10 ta' Ottubru 2017.

¹² Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Din il-proposta tittrasponi rakkomandazzjoni li ġiet adottata fil-livell ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (l-ICCAT) skont il-parir xjentifiku tal-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika tal-ICCAT.

- **Valutazzjoni tal-impatti**

Mhix rilevanti. Din il-proposta tittrasponi rakkomandazzjoni li tapplika direttament għall-Istati Membri.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhijiex marbuta mar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Unjoni kitbet lis-Segretarjat tal-ICCAT u qaltli li hija qed tapplika r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, li issa ilha trasposta sa mill-1 ta' Jannar 2017.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Ma japplikawx.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

(a) Deroga mill-obbligu ta' ħatt l-art

Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Bażiku, l-obbligu ta' ħatt l-art irid jiġi implimentat mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta t-tali obbligi internazzjonali fil-liġi tal-Unjoni, fosthom, b'mod partikulari, id-derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art.

Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT toħloq l-obbligu li jiġi skartat il-pixxispad li jkun abbord il-bastimenti, fosthom dawk tas-sajd sportiv u rikreattiv, li jaqbeż il-kwota allokata għall-bastiment u/jew il-livell massimu tal-qabdiet aċċessorji permessi. Il-pixxispad tal-Mediterran li jkun inqabad u ttella' abbord il-bastimenti u li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni wkoll se jkollu jiġi skartat, ħlief għal ċertu limitu ta' qabdiet aċċessorji stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Bażiku, jippermetti li l-pixxispad tal-Mediterran jiġi skartat fil-każijiet previsti fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT.

(b) Traspożizzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 u għall-2018

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127¹³ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Is-soltu, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

Bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT ġiet stabbilita qabda totali permissibbli (TAC) ta' 10 500 tonnellata għall-pixxispad tal-Mediterran. Madankollu, l-ICCAT ma qassmitx it-TAC fost il-PKK tagħha u għalhekk, meta ġie ppubblikat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127, is-sehem tal-Unjoni minn din it-TAC kien għadu ma ġie stabbilit. L-ICCAT kellha tlaqqa' grupp ta' ħidma biex jiddefinixxi skema ta' allokkazzjoni ġusta u ekwa tat-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran u biex jistabbilixxi kwota għall-PKK għall-2017.

Il-Grupp ta' Ħidma ltaqa' f'Madrid bejn l-20 u t-22 ta' Frar 2017 u matul din il-laqgħa l-Partijiet ftiehmu bejniethom dwar l-allokkazzjoni tal-kwota għall-2017 u laħqu kompromess dwar il-ġestjoni tal-użu tal-kwota għall-2017.

Għalhekk kien importanti li r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 jiġi emendat biex l-operaturi jingħataw iċ-ċertezza legali kemm dwar il-kwantitajiet ta' pixxispad tal-Mediterran li setgħu jaqdbu fl-2017, kif ukoll dwar l-istabbiliment ta' żoni fejn hemm limiti tal-qbid. Dan sar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398¹⁴.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120¹⁵ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127. B'segwitu għall-paragrafu 4 tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, it-TAC tnaqqset bi 3 % meta mqabbla ma' dik adottata fl-2017.

(c) Setgħat delegati

L-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi lista eżawrjenti ta' każijiet li għalihom qed jintalbu setgħat delegati sabiex jiġu ttrattati l-bidliet spissi fir-rakkomandazzjonijiet li l-ICCAT tadotta. Il-fatturi ewlenin li jistgħu jispjegaw il-lista ta' sitwazzjonijiet li għalihom qed jintalbu s-setgħat delegati jistgħu jingħabru fil-qosor kif ġej:

(a) il-fatt li pjan jiġi stabbilit għal 15-il sena ma jfissirx li l-Partijiet Kontraenti ma jippruvawx jerġgħu jżidu l-livell tal-bijomassa u jġibu l-livell tal-istokk malajr kemm jista' jkun fil-limiti bijoloġiċi sikuri sabiex jintlaħqu malajr kemm jista' jkun l-għanijiet tal-pjan mil-lat bijoloġiku. F'dan il-kuntest, l-esperjenza wriet li, wara ftit tas-snin, il-miżuri adottati u, b'mod partikulari, il-miżuri tekniċi u ta' kontroll, ikollhom bżonn jissaħħu, l-iktar meta x-xejriet juru li jkun għad hemm ħafna x'isir biex jintlaħqu l-għanijiet tal-irkupru u li l-livell tal-istokk ma jkunx qed jiżdied bir-rata mistennija. Għalhekk, jista' jkun hemm bżonn li jiġu implimentati

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1398 tal-25 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd (ĠU L 199, 29.7.2017, p. 2).

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

bidliet speċifiċi u regolari fit-terminu qasir taż-żmien u li dawn jiġu adottati bi proċedura aċċellerata;

(b) l-esperjenzi li nkisbu mill-ICCAT u minn organizzazzjonijiet oħrajn b'rabta mal-pjanijiet ta' rkupru s'issa juru li ta' spiss ikun hemm bidliet fit-test u li jkun pjuttost urġenti li r-regoli jiddaħħlu fis-seħħ għalkollox. Pereżempju, it-test tal-pjan għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran inbidel sitt darbiet minn meta l-ICCAT irrakkomandatu fl-2006 (fl-2006, fl-2008, fl-2010, fl-2012, fl-2014 u fl-2017).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, l-għan tal-politika komuni tas-sajd ("il-PKS") huwa li tiżgura li r-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jiġu sfruttati b'mod li jipprovdi kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli.
- (2) L-Unjoni hija Parti tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("l-ICCAT").
- (3) Waqt il-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2016 li saret f'Vilamoura (fil-Portugall), il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ICCAT u l-partijiet, l-entitajiet jew l-entitajiet tas-sajd mhux kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha ("il-PKK") għarfu l-bżonn li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni allarmanti tal-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*). Għal dak il-għan, l-ICCAT adottat pjan ta' rkupru li beda fl-2017 u li se jibqa' għaddej sal-2031, minħabba li l-bijoloġija, l-istruttura u d-dinamika attwali tal-popolazzjoni tal-istokk tal-pixxispad fil-Mediterran ma jippermettux li jintlaħqu livelli tal-bijomassa li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY) fit-terminu qasir taż-żmien, anke jekk jiġu adottati miżuri drastiċi u urġenti ta' ġestjoni (jiġifieri l-għeluq totali tas-sajd). Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT dwar il-pjan ta' rkupru ġiet adottata fl-20 Laqgħa Speċjali tagħha, wara li ġie analizzat il-parir xjentifiku tal-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika (l-SCRS). Dik ir-Rakkomandazzjoni (bin-numru 16-05)² daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2017 u torbot lill-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT li ġiet adottata waqt il-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2016, li tieħu post ir-Rakkomandazzjoni 13-04 u li tistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad fil-Mediterran.

- (4) F'Diċembru tal-2016, l-Unjoni infurmat lis-Segretarjat tal-ICCAT, permezz ta' ittra, li ċerti miżuri mogħtija fir-Rakkomandazzjoni 16-05 kellhom jidħlu fis-seħħ f'Jannar tal-2017, b'mod partikulari b'rabta mal-perjodu tal-għeluq mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u mal-allokkazzjoni tal-kwoti għas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran. Jenħtieġ li l-miżuri l-oħrajn kollha tar-Rakkomandazzjoni 16-05 jiġu inklużi fil-pjan ta' rkupru tal-Unjoni.
- (5) Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd ikunu ġestiti b'mod konformi mal-għanijiet tal-PKS, b'mod partikulari mal-għan li jerġgħu jiżdedu bil-mod il-mod il-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut u li dawn jinżammu f'livelli tal-bijomassa li jkunu 'l fuq minn dawk li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, anke jekk l-iskadenza stabbilita hija sal-2031, u mal-għan li, fl-istess ħin, jinħolqu l-kundizzjonijiet biex ikun hemm industrija tas-sajd li fiha l-qbid u l-ipproċessar tal-ħut ikunu ekonomikament vijabbli u kompetittivi u attività tas-sajd relatata li ssir fuq l-art li wkoll tkun ekonomikament vijabbli u kompetittiva, u b'hekk, b'konformità mal-Artikolu 28(1) u (2) u mal-Artikoli 29 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni.
- (6) Il-pjan ta' rkupru jqis l-ispeċifitajiet tat-tipi ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd differenti. Huma u jimplementaw il-pjan ta' rkupru, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jippromwovu l-attivitajiet tas-sajd ta' mal-kosta u l-użu ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd li jkunu selettivi u li jkollhom impatt ambjentali mnaqqas, fosthom ta' rkaptu u ta' tekniki li jintużaw fis-sajd tradizzjonali u artiġjanali, biex b'hekk jikkontribwixxu għal livell ġust ta' għajxien għall-ekonomiji lokali.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-kunċett ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-kunċett tal-ICCAT ta' daqsijiet minimi jiġi traspost fil-liġi tal-Unjoni bħala daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.
- (8) Il-pixxispad tal-Mediterran li jkun inqabad u li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni se jkollu jiġi skartat, skont il-punt 17 tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, sakemm dan ma jkunx jidhul fil-limiti tal-qabdiet aċċessorji stabbiliti mill-Istati Membri fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom. Għall-finijiet tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tagħha fil-kuntest tal-ICCAT, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191 jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-pixxispad tal-Mediterran, bi qbil mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191 jimplementa ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT u jistabbilixxi l-obbligu li l-bastimenti jiskartaw il-pixxispad li jkollhom abbord li jkun jaqbeż il-kwota allokata għalihom u/jew il-livell massimu ta' qabdiet aċċessorji permessi tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat jinkludi l-bastimenti li jintużaw għas-sajd rikreattiv.
- (9) Minħabba li l-pjan tal-irkupru se jimplementa r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-pixxispad tal-Mediterran mogħtija fir-Regolament (UE) 2017/2107 jiġihassru.
- (10) Fl-imgħoddi, l-attivitajiet tas-sajd bl-għeżula tat-tisqif zdedu ferm f'termini tal-isforz tas-sajd u tan-nuqqas ta' biżżejjed selettività. Iż-żieda bla kontroll f'dawn l-attivitajiet ħolqot riskju serju għall-ispeċijiet fil-mira u r-Regolament tal-Kunsill (KE)

Nru 1239/98³ ipprojbixxa li dawn jintużaw biex jinqabad il-ħut li jpassi ħafna, fosthom il-pixxispad.

- (11) Biex tkun żgurata l-konformità mal-PKS, ġiet adottata leġislazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi stabbilita sistema ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' infurzar li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU). B'mod partikulari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁴ jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar permezz ta' approċċ globali u integrat sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli kollha tal-PKS. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011⁵ jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008⁶ jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU. Dawk ir-Regolamenti diġà fihom għadd ta' miżuri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT. Għalhekk ma hemmx bżonn li dawk id-dispożizzjonijiet jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.
- (12) Fl-arranġamenti tal-kiri, ta' spiss ma jkunux ċari r-relazzjonijiet bejn is-sid, in-noleġġatur u l-Istat tal-bandiera, u ċerti sajjieda tas-sajd IUU jevadu l-kontrolli billi jabbużaw mill-arranġamenti tal-kiri tal-bastimenti tas-sajd. Ir-Regolament (UE) 2016/1627⁷, li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, jipprojbixxi l-kiri. Għalhekk, bħala miżura ta' prevenzjoni sabiex jiġi evitat stokk li qed jirkupra u sabiex ikun hemm il-konsistenza mal-liġijiet tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi adottata projbizzjoni simili fil-pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran.
- (13) Jenħtieġ li l-leġislazzjoni tal-Unjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT sabiex tpoġġi lis-sajjieda tal-Unjoni u lil dawk ta' pajjiżi terzi fuq l-istess livell u sabiex tiżgura li r-regoli jkunu jistgħu jiġu aċċettati minn kulħadd.
- (14) Sabiex l-emendi tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jista' jkun hemm fil-ġejjieni jiġu implimentati malajr fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 34(1) tiegħu. Huwa importanti ferm li l-

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1239/98 tat-8 ta' Ġunju 1998 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 894/97 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd (ĠU L 171, 17.6.1998, p. 1).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet⁸. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom irid ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

- (15) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mar-rapport annwali li l-Istati Membri jibagħtu dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (16) L-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jista' jkun hemm fil-ġejjieni fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.
- (17) L-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006¹⁰ jippermetti lill-bastimenti li jkunu qed jistadu għall-pixxispad jieħdu abbord jew ikalaw għadd massimu ta' 3 500 sunnara, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT tippermetti għadd massimu ta' 2 500 sunnara. Sabiex dik ir-Rakkomandazzjoni tiġi implimentata sewwa fil-liġi tal-Unjoni, jeħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 jiġi emendat kif xieraq.
- (18) It-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ tistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll għall-pixxispad tal-Mediterran. Il-miżuri li ġew adottati permezz tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, li dan ir-Regolament qed jittrasponi, huma iktar restrittivi jew iktar preċiżi mill-miżuri li huma diġà fis-seħħ, sabiex l-istokk ikun jista' jirkupra. Għalhekk jenħtieġ li t-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2017/2107 titħassar u tiġi sostitwita bil-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

⁸ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-implimentazzjoni, min-naħa tal-Unjoni, tal-pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*), irrakkomandat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (I-CCAT), li jibda fl-2017 u li jkompli għaddej sal-2031 (“il-pjan ta’ rkupru”).

Artikolu 2

Kamp ta’ applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika:

- (a) għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għall-bastimenti tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd rikreattiv:
 - (i) li jistadu għall-pixxispad fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT fil-Mediterran; jew
 - (ii) li jittrażbordaw, anke ’l barra miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, il-pixxispad maqbud fil-Mediterran;
- (b) għall-bastimenti tas-sajd ta’ pajjiżi terzi u għall-bastimenti ta’ pajjiżi terzi li jintużaw għas-sajd rikreattiv li jistadu għall-pixxispad fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Mediterran;
- (c) għall-bastimenti ta’ pajjiżi terzi li jiġu spezzjonati fil-portijiet tal-Istati Membri u li jkollhom abbord pixxispad maqbud fil-Mediterran jew prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-pixxispad maqbud fil-Mediterran li ma jkunux inħattu l-art jew ġew ittrażbordati fil-portijiet qabel.

Artikolu 3

Għan

B’deroga mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-għan ta’ dan ir-Regolament huwa li jinkiseb livell tal-bijomassa tal-pixxispad fil-Mediterran li jkun jikkorrispondi mar-rendiment massimu sostenibbli sal-2031 u li jkun hemm probabbiltà ta’ mill-inqas 60 % li jintlaħaq dan il-għan.

Artikolu 4

Rabta ma’ liġijiet oħrajn tal-Unjoni

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament japplikaw minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti li ġejjin jew, meta daww ir-Regolamenti jkunu jipprevedu dan, b’deroga minnhom:

- (1) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹² li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;
- (2) ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot esterni;
- (3) ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (I-CCAT).

Artikolu 5
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “bastiment tas-sajd” tfisser kull bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar;
- (2) “bastiment tas-sajd tal-Unjoni” tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;
- (3) “iż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT” tfisser l-ilmijiet kollha tal-Oċean Atlantiku u tal-ibħra ta' madwaru;
- (4) “il-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran li jinsabu fil-Lvant tal-linja 5°36' tal-Punent;
- (5) “PKK” tfisser il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ICCAT u l-partijiet, l-entitajiet jew l-entitajiet tas-sajd mhux kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha;
- (6) “awtorizzazzjoni tas-sajd” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni li tagħtih id-dritt iwettaq attivitajiet speċifiċi tas-sajd tul perjodu speċifikat, f'żona partikulari jew għal sajd partikulari, b'kundizzjonijiet speċifiċi;
- (7) “awtorizzazzjoni speċjali tas-sajd” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni li tagħtih id-dritt iwettaq attivitajiet speċifiċi tas-sajd bl-użu ta' rkaptu speċifiku tul perjodu speċifikat, f'żona partikulari u għal sajd partikulari, b'kundizzjonijiet speċifiċi;
- (8) “opportunità tas-sajd” tfisser dritt legali kkwantifikat għas-sajd, mogħti f'termini tal-qabdiet u/jew tal-isforz tas-sajd;

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

- (9) “stokk” tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tinsab f’żona ta’ ġestjoni partikulari;
- (10) “prodotti tas-sajd” tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn kull attività tas-sajd jew il-prodotti li ġejjin minnha;
- (11) “qbid skartat” tfisser il-qabdiet li jintefgħu lura fil-baħar;
- (12) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (13) “dejta tas-sistema ta’ monitoraġġ tal-bastimenti” tfisser id-dejta dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni ġeografika, id-data, il-ħin, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment tas-sajd li l-apparat ta’ lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd jittrażmetti liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera;
- (14) “ħatt l-art” tfisser il-ħatt inizjali ta’ kull kwantità ta’ prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd għal fuq l-art;
- (15) “trażbord” tfisser il-ħatt tal-prodotti kollha tas-sajd li jkunu abbord bastiment, jew ta’ parti minnhom, minn fuq dak il-bastiment għal fuq bastiment ieħor;
- (16) “kiri” tfisser arranġament li permezz tiegħu bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru jingħata b’kuntratt għal perjodu ddefinit lil operatur li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jew f’pajjiż terz, mingħajr ma l-bastiment tinbidillu l-bandiera tiegħu;
- (17) “bastiment kbir tas-sajd bil-konz tal-wiċċ” tfisser bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ li b’kollox ikun itwal minn 24 metru;
- (18) “konzijiet” tfisser irkaptu tas-sajd li jinkludi lett prinċipali b’ħafna snanar fuq lettijiet sekondarji iqsar imdendlin minnu (brazzoli) ta’ tul u spazjar varjabbli skont l-ispeċijiet fil-mira;
- (19) “sunnara” tfisser fidiferru tal-azzar mgħawweġ li jkun ġej għall-ponta;
- (20) “qasba u xlief” tfisser xlief imqabba ma’ qasba li jintuża mis-sajjieda li jistadu bil-qasba u li jkun imdawwar fuq mekkaniżmu ta’ tidwir (ril) li jintuża biex jitkebbeb ix-xlief.

TITOLU II

MIŻURI TA’ ĠESTJONI, MIŻURI TEKNIĊI TA’ KONSERVAZZJONI U MIŻURI TA’ KONTROLL

KAPITOLU 1

Miżuri ta’ ġestjoni

Artikolu 6 *Sforz tas-sajd*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-isforz tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkun proporzjonat mal-opportunitajiet tas-sajd għall-pixxispad tal-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.
2. Għandu jkun ipprojbit it-trasferiment minn sena għall-oħra tal-kwoti li ma jintużawx.

Artikolu 7
Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

1. B'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huma u jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, u għandhom ukoll jagħmlu hilitom biex iqassmu l-kwoti nazzjonali b'mod ġust fost id-diversi segmenti tal-flotta, filwaqt li jqisu s-sajd tradizzjonali u artiġjanali, u biex jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas.
2. Kull Stat Membru għandu jipprevedi l-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad fil-kwota tiegħu tal-pixxispad u għandu javża lill-Kummissjoni b'dan meta jkun qed jibagħtilha l-pjan tas-sajd tiegħu skont l-Artikolu 9. It-tali dispożizzjoni għandha tiżgura li l-ħut mejjet kollu jitnaqqas mill-kwota.

Artikolu 8
Limiti fuq il-kapaċità

1. Għandu jkun hemm limitu fuq il-kapaċità tal-bastimenti tas-sajd skont it-tip ta' rkaptu għall-perjodu kollu li matulu jdum għaddej il-pjan ta' rkupru. L-Istati Membri għandhom jillimitaw skont it-tip ta' rkaptu, l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran abbażi ta' waħda mill-miżuri li ġejjin, skont liema minnhom twassal għall-inqas għadd:
 - (a) l-għadd medju annwali ta' bastimenti tagħhom li jkunu stadi għall-pixxispad tal-Mediterran, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-2013 sal-2016; jew
 - (b) l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tagħhom li jkunu stadi għall-pixxispad tal-Mediterran, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fl-2016.
2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw tolleranza ta' 5 % għal-limitu fuq il-kapaċità msemmi fil-paragrafu 1 għall-2018 u l-2019.
3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ħadu biex jillimitaw l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran sal-15 ta' Frar ta' kull sena.

Artikolu 9
Pjanijiet annwali tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet tas-sajd tagħhom lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu ta' kull sena. It-tali pjanijiet għandhom ikunu skont il-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tal-informazzjoni, u għandu jkun fihom informazzjoni ddettaljata dwar il-kwota tal-pixxispad tal-Mediterran allokata skont it-tip ta' rkaptu, fosthom dik allokata għas-sajd rikreattiv, meta dan ikun rilevanti, u dik allokata għall-qabdiet aċċessorji.
2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien il-pjanijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u tintegrahom fil-pjan tas-sajd tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan tas-sajd tal-Unjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Marzu ta' kull sena.

KAPITOLU 2

Miżuri tekniċi ta' konservazzjoni

TAQSIMA 1

STAĠUNI TAS-SAJD

Artikolu 10

Staġuni magħluqin għas-sajd

1. Il-pixxispad tal-Mediterran ma għandux jinqabad, la bħala speċi fil-mira u lanqas bħala qabda aċċessorja, u ma għandux jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu ta' kull sena.
2. Sabiex jiġihares il-pixxispad tal-Mediterran, għandu jkun hemm perjodu ta' għeluq tas-sajd mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru ta' kull sena għall-bastimenti tas-sajd bil-konz li jkunu qed jistadu għall-along (Thunnus alalunga) fil-Mediterran.
3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-effettività tal-perjodi tal-għeluq imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, u kull sena, tal-inqas xahrejn u ħmistax-il ġurnata qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, għandhom jibagħtu l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet ix-xierqa li huma jkunu wettqu fis-sena ta' qabel sabiex jiżguraw li jiġiharsu daww il-paragrafi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas xahrejn qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT kull sena.

TAQSIMA 2

DAQS MINIMU TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI, QABDIET INĊIDENTALI U QABDIET AĊĊESSORJI

Artikolu 11

Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-pixxispad tal-Mediterran

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandu jkun ipprojbit li jiġu mistada jew li jinżammu abbord, jiġu ttrażbordati, jinħattu l-art, jiġu ttrasportati, jinħażnu, jinbiegħu, jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ il-qabdiel u l-qabdiel aċċessorji ta' pixxispad, inkluż mis-sajd rikreattiv:
 - (a) li jkun twil inqas minn 100 cm mix-xedaq ta' isfel sal-furketta; jew
 - (b) li jkollu piż ħaj ta' inqas minn 11,4 kg jew piż ta' inqas minn 10,2 kg wara li jkunu tneħħewlu l-garġi u jkun issewwa.
2. Jista' jinżamm abbord, jinħatt l-art, jiġi ttrażbordat jew jinġarr waqt l-ewwel trasport wara l-ħatt l-art biss il-pixxispad sħiħ li ma tkun tneħħietlu l-ebda parti esterna, jew il-pixxispad li jkunu tneħħewlu l-garġi u jkun issewwa.

Artikolu 12

Qabdiel aċċessorji inċidentali ta' pixxispad li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni

Minkejja l-Artikolu 11(1), il-bastimenti tal-qbid li jkunu qed jistadu b'mod attiv għall-pixxispad jistgħu jżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasferixxu, iħottu l-art, jittrasportaw,

jaħżnu, jbigħu, juru jew joffru għall-bejgħ il-qabdiet inċidentali ta' pixxispad li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sakemm dawn il-qabdiet ma jkunux jaqbżu l-5 % skont il-piż jew l-għadd ta' ħut tal-qabda totali tal-pixxispad tat-tali bastimenti.

Artikolu 13
Qabdiet aċċessorji

1. Fi kwalunkwe ħin wara saġda, il-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad ma għandhomx jaqbżu l-għadd totali tal-qabda abbord skont il-piż jew l-għadd ta' ħut maqbud waqt is-sajd bil-konz.
2. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-bastimenti tal-qbid li ma jkunux qegħdin jistadu b'mod attiv għall-pixxispad ma għandhomx iżommu abbord pixxispad li jaqbeż il-limitu tal-qabdiet aċċessorji li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom għall-qabda totali abbord skont il-piż jew l-għadd ta' ħut.
3. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fil-każ tas-sajd rikreattiv għandhom ikunu pprojbiti l-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' aktar minn pixxispad wieħed għal kull bastiment kuljum. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw u jiffaċilitaw ir-rilaxx tal-pixxispad maqbud ħaj waqt is-sajd rikreattiv.
4. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jekk il-kwota allokata lill-Istat Membru tal-bandiera tiġi eżawrita, il-pixxispad kollu li jinqabad ħaj għandu jinħeles.
5. Meta l-kwota allokata lill-Istat Membru tal-bandiera tiġi eżawrita, il-pixxispad mejjet għandu jinħatt l-art sħiħ u minħajr ma jkun ipproċessat, u dan għandu jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed l-azzjoni x-xierqa ta' segwitu b'rabta miegħu. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-kwantità tat-tali pixxispad mejjet lill-Kummissjoni, li għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT skont l-Artikolu 21.

TAQSIMA 3
KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-IRKAPTU TAS-SAJD

Artikolu 14
Karatteristiċi tekniċi tal-irkaptu tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' snanar li l-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu għall-pixxispad fil-Mediterran jistgħu jkalaw jew jieħdu abbord għandu jkun ta' 2 500 sunnara.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd għandhom jitħallew ikollhom abbord 2 500 sunnara ta' sostituzzjoni mhux imqabbdin mal-irkaptu għal vjaġġi ta' iktar minn jumejn.
3. It-tul tas-snanar ma għandux ikun ta' inqas minn 7 cm.
4. Il-konzijiet tal-wiċċ ma għandhomx ikunu itwal minn 30 mil nawtiku (55,56 km).

KAPITOLU 3

Miżuri ta' kontroll

TAQSIMA 1

REĠISTRU TAL-BASTIMENTI

Artikolu 15

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qbid tal-pixxispad tal-Mediterran għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403:
 - (a) għall-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran;
 - (b) għall-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jaqdbu l-pixxispad tal-Mediterran bħala qabda aċċessorja; u
 - (c) għall-bastimenti li jintużaw għas-sajd rikreattiv.
2. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni speċjali tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-ħarpuni jew bil-konzijiet tal-wiċċ.
3. Il-bastimenti tal-Unjoni mniżżlin fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 16 u 17 biss għandhom ikunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran, iżommuh abbord, jittrażbordawh, jittrasportawh, jipproċessawh jew iħottuh l-art.
4. Il-bastimenti l-kbar tas-sajd awtorizzati mill-Istati Membri għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd li b'kollox huma itwal minn 20 metru tal-ICCAT, sabiex l-ICCAT tkun tista' tawtorizzahom jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhuh, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom u jhottuhom l-art.

Artikolu 16

Informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati jaqdbu l-pixxispad u l-alongi fis-sena attwali

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja b'mod elettroniku lill-Kummissjoni, fil-format stabbilit fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tal-informazzjoni:
 - (a) sal-1 ta' Jannar, l-informazzjoni dwar il-bastimenti tal-qbid li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu awtorizzati jaqdbu l-pixxispad tal-Mediterran, anke bħala qabda aċċessorja u fil-kuntast tas-sajd rikreattiv. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Jannar ta' kull sena;
 - (b) sal-1 ta' Marzu, l-informazzjoni dwar il-bastimenti tal-qbid li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu awtorizzati jistadu għall-alongi fil-Mediterran. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Marzu ta' kull sena.
2. L-informazzjoni dwar il-bastimenti tal-qbid imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) għandu jkun fiha isem il-bastiment u n-numru tiegħu tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (in-numru tas-CFR), kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament ta'

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni¹⁵.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni addizzjonali, informazzjoni mħassra jew informazzjoni emendata dwar il-bastimenti tal-qbid imsemmija fil-paragrafu 1, sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata minn meta jsir dak it-tibdil fl-informazzjoni. Sa mhux aktar tard minn 45 ġurnata minn meta tiżdied, titħassar jew tiġi emendata l-informazzjoni dwar dawk il-bastimenti tal-qbid, il-Kummissjoni għandha tavża lis-Segretarjat tal-ICCAT b'dan.
4. B'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2017/2403, matul is-sena l-Kummissjoni għandha temenda l-informazzjoni dwar il-bastimenti tal-qbid imsemmija fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bżonn, billi tibgħat l-informazzjoni aġġornata lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Artikolu 17

Informazzjoni xjentifika dwar il-bastimenti li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad bl-użu ta' ħarpuni jew ta' konzijiet tal-wiċċ fis-sena ta' qabel

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja b'mod elettroniku lill-Kummissjoni dwar il-bastimenti tal-qbid li jtajru l-bandiera tagħhom li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-konzijiet tal-wiċċ jew bil-ħarpuni fis-sena ta' qabel:
 - (a) isem il-bastiment (jekk il-bastiment ma jkollux isem, għandu jingħata n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu mingħajr l-inizjali tal-pajjiż);
 - (b) in-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218;
 - (c) in-numru fir-reġistru tal-ICCAT.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat fil-format stabbilit fl-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tal-informazzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

TAQSIMA 2 MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

Artikolu 18

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu mniżżlin fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT u li jkunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran, u l-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran fl-ilmijiet tal-Unjoni u li b'kollox ikunu itwal minn 12-il metru, għandu jkollhom installat abbord apparat li jiffunzjona għalkollox li jippermetti lill-bastiment jiġi awtomatikament lokalizzat u identifikat permezz tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti billi jittrażmetti d-dejta dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari, bi qbil mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

¹⁵ ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9.

2. Għall-finijiet tal-kontroll, it-trażmissjoni tad-dejta tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti mill-bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran ma għandhiex tiġi interrotta meta l-bastimenti jkunu fil-port.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jibagħtu l-messaġġi tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti li jaslulhom mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom lill-Kummissjoni u lil korp magħżul minnha, f'ħin reali u billi jużaw il-format "https data feed". Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej:
 - (a) li l-messaġġi tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni tal-inqas kull saġhtejn;
 - (b) li, f'każ ta' ħsara teknika fis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, il-messaġġi alternattivi li jaslulhom skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien 24 siegħa minn meta ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jirċevuhom;
 - (c) li l-messaġġi li jintbagħtu lill-Kummissjoni jingħataw numru sekwenzjali (b'identifikatur uniku) sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni;
 - (d) li l-messaġġi li jintbagħtu lill-Kummissjoni jkunu skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011.
5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-messaġġi kollha li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-bastimenti ta' spezzjoni tiegħu jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali u jkunu limitati biss għall-attivitajiet ta' spezzjoni fuq il-baħar.

Artikolu 19

Kiri ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

Għandu jkun ipprojbit il-kiri ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran.

Artikolu 20

Programmi ta' osservaturi nazzjonali għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

1. Kull Stat Membru tal-bandiera li jkollu kwota tal-pixxispad tal-Mediterran għandu jimplimenta programm ta' osservaturi nazzjonali għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran skont dan l-Artikolu. Il-programm tal-osservaturi nazzjonali għandu jikkonforma mal-istandards minimi stabbiliti fl-Anness I.
2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jintbagħtu l-osservaturi xjentifiċi nazzjonali fuq tal-inqas 20 % mill-bastimenti kollha tas-sajd bil-konz tal-wiċċ li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran. Il-perċentwal ta' kopertura se jitkejjel f'jiem tas-sajd, f'għadd ta' kalati jew f'għadd ta' vjaġġi.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, għall-bastimenti li b'kollox ikunu iqsar minn 15-il metru, meta jista' jkun hemm tħassib straordinarju dwar is-sikurezza li jipprekludi li jintbagħat osservatur abbord il-bastiment, Stat Membru jista' juża metodu alternattiv għall-monitoraġġ xjentifiku. Dak il-metodu alternattiv għandu jiżgura kopertura li

tkun tixbah lil dik speċifikata fil-paragrafu 2 u ġbir ekwivalenti tad-dejta. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta d-dettalji tal-metodu alternattiv lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dettalji tal-metodu alternattiv imsemmi fil-paragrafu 3 lill-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika tal-ICCAT minnufih biex dan jevalwah. Il-metodi alternattivi għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni tal-ICCAT waqt il-laqgħa annwali tal-ICCAT qabel ma jiġu implimentati.
5. Lill-osservaturi nazzjonali l-Istati Membri għandhom joħorġulhom dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.
6. Minbarra l-kompiti tal-osservaturi xjentifiċi stabbiliti fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-osservaturi xjentifiċi jivvalutaw u jirrappurtaw id-dejta li ġejja dwar il-pixxispad tal-Mediterran:
 - (a) il-livell ta' skartar ta' ħut li jkun żgħir wisq;
 - (b) id-daqs u l-età tal-ħut meta jilħqu l-istat adult f'dak ir-reġjun partikulari;
 - (c) l-użu tal-ħabitat biex titqabbell id-disponibbiltà tal-pixxispad għat-tipi ta' sajd differenti, fosthom tqabbil bejn il-konzizzjiet tradizzjonali u dawk mesopelaġiċi;
 - (d) l-impatt tas-sajd bil-konzizzjiet mesopelaġiċi f'termini tal-kompożizzjoni tal-qabdiel, tas-serje tal-qabda għal kull unità tal-isforz u tat-tqassim tad-daqs tal-qabdiel; u
 - (e) l-istima tal-proporzjon, ta' kull xahar, ta' ħut riproduttiv u ta' rekluti fil-qabdiel.
7. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li tkun inġabret fil-programmi tal-osservaturi xjentifiċi nazzjonali tagħhom tas-sena ta' qabel lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

TAQSIMA 3

KONTROLL TAL-QABDIET

Artikolu 21

Reġistrazzjoni u rappurtar tal-qabdiel

1. Il-kaptan ta' kull bastiment li jkun awtorizzat jaqbad il-pixxispad tal-Mediterran għandu jżomm ġurnal ta' abbord dwar is-sajd skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II u għandu jibgħat l-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu.
2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tar-rappurtar tal-Istati Membri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni dwar il-qabdiel kollha tal-pixxispad tal-Mediterran li l-bastimenti awtorizzati u li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu għamlu. Dawk ir-rapporti ta' kull tliet xhur għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jintemm kull perjodu ta' tliet xhur (jiġifieri sal-15 ta' April, sal-15 ta' Lulju u sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena u sal-15 ta' Jannar tas-sena ta' wara). Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sat-30 ta' April, sat-30 ta' Lulju u sat-30 ta' Ottubru ta' kull sena u sat-30 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni dwar il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-konzijiet tal-wiċċ jew bil-ħarpuni fis-sena ta' qabel:
 - (a) informazzjoni marbuta mal-attivitajiet tas-sajd ibbażata fuq il-kampjunar jew fuq il-flotta kollha, fosthom:
 - (i) il-perjodu jew il-perjodi tas-sajd u l-għadd totali annwali ta' jiem tas-sajd tal-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (ii) iż-żoni ġeografiċi, skont ir-rettangoli statistiċi tal-ICCAT, għall-attivitajiet tas-sajd li wettaq il-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (iii) it-tip ta' bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (iv) l-għadd ta' snanar li uża l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (v) l-għadd ta' konzijiet individwali li uża l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (vi) it-tul kollu tal-konzijiet individwali kollha li għandu l-bastiment, skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona;
 - (b) id-dejta dwar il-qabdiet, fl-iżgħar unità temporali/spazjali possibbli, fosthom:
 - (i) it-tqassim tad-daqs u, jekk inhu possibbli, tal-età tal-qabdiet;
 - (ii) il-qabdiet ta' kull bastiment u l-kompożizzjoni tagħhom;
 - (iii) l-isforz tas-sajd (l-għadd medju ta' jiem tas-sajd għal kull bastiment, l-għadd medju ta' snanar għal kull bastiment, l-għadd medju ta' konzijiet individwali għal kull bastiment u t-tul medju tal-konzijiet kollha f'daqqa għal kull bastiment).
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.
5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tintbagħat fil-format stabbilit fl-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tal-informazzjoni.

Artikolu 22

Informazzjoni dwar l-eżawrimet tal-kwota u l-ghelug tas-sajd

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta jqis li l-kwota allokata għal tip ta' rkaptu partikulari tkun laħqet it-80 %.
2. Meta l-qabdiet akkumulati tal-pixxispad tal-Mediterran ikunu laħqu l-limitu ta' 80 % tal-kwota nazzjonali, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat id-dejta dwar il-qabdiet lill-Kummissjoni kull ġimgħa.

TAQSIMA 4 ĦATT L-ART U TRAŻBORD

Artikolu 23 Portijiet magħżulin

1. Il-qabdiet tal-pixxispad tal-Mediterran, inklużi l-qabdiet aċċessorji u l-pixxispad tal-Mediterran maqbud fil-kuntest tas-sajd rikreattiv mingħajr marka fuq kull ħuta kif imsemmi fl-Artikolu 30, għandhom jinħattu l-art fil-portijiet magħżulin biss.
2. Kull Stat Membru għandu jagħżel il-portijiet li fihom għandu jsir il-ħatt l-art imsemmi fil-paragrafu 1 u għandu jispeċifika meta u fejn hu permess li jsir il-ħatt l-art u t-trażbord u l-proċeduri ta' spezzjoni u ta' sorveljanza li japplikaw f'dawk il-portijiet.
3. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lista tal-portijiet magħżulin tagħhom lill-Kummissjoni. Sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Artikolu 24 Notifika minn qabel

1. L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li b'kollox ikunu twal 12-il metru jew iktar u li huma inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament. In-notifika qabel il-wasla msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew tal-PKK li l-portijiet jew il-faċilità tal-ħatt l-art tagħha huma jkun beħsiebhom jużaw.
2. Mill-inqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla tagħhom fil-port, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li b'kollox ikunu iqsar minn 12-il metru li huma inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 16 għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew tal-PKK li l-portijiet jew il-faċilità tal-ħatt l-art tagħha huma jkunu jixtiequ jużaw, bl-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-ħin stmat tal-wasla tagħhom;
 - (b) il-kwantità stmata ta' pixxispad tal-Mediterran li għandhom abbord; u
 - (c) l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika minn fejn ikun inqabad il-ħut.
3. L-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-port għandhom iżommu reġistru tan-notifiki kollha minn qabel għas-sena attwali.

Artikolu 25 Trażbord

1. Għandu jkun ipprojbit it-trażbord fuq il-baħar, f'kull ċirkustanza, min-naħa ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom abbord il-pixxispad tal-Mediterran.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52, 54 u 57 tar-Regolament (UE) 2017/2107, il-bastimenti tas-sajd għandhom jittrażbordaw il-pixxispad tal-Mediterran f'portijiet magħżulin biss.

TAQSIMA 5 SPEZZJONIJIET

Artikolu 26

Pjanijiet annwali ta' spezzjoni

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet annwali ta' spezzjoni tagħhom lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet ta' spezzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont:
 - (a) l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-proċeduri, kif ukoll il-punti ta' riferiment għall-attivitajiet ta' spezzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/17¹⁶; u
 - (b) il-programm ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll għall-pixxispad tal-Mediterran stabbilit skont l-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.
2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien il-pjanijiet nazzjonali ta' spezzjoni u tintegrahom fil-pjan ta' spezzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan lis-Segretarjat tal-ICCAT biex l-ICCAT tkun tista' tapprovah, flimkien mal-pjanijiet annwali tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 9.

Artikolu 27

Skema tal-ICCAT għal spezzjonijiet internazzjonali konġunti

1. L-attivitajiet internazzjonali konġunti ta' spezzjoni għandhom jitwettqu skont l-iskema tal-ICCAT għal spezzjonijiet internazzjonali konġunti (imsejħa "l-iskema tal-ICCAT") stabbilita fl-Anness III.
2. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran għandhom jassenjaw lill-ispetturi u jwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-baħar skont l-iskema tal-ICCAT. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha jistgħu jaħtru spetturi tal-Unjoni għall-iskema tal-ICCAT.
3. Meta, fi kwalunkwe ħin, ikun hemm iktar minn 50 bastiment tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikulari li jkunu qed jistadu għall-pixxispad fil-Mediterran fiż-żona tal-Konvenzjoni, dak l-Istat Membru għandu jibgħat bastiment ta' spezzjoni għall-finijiet tal-ispezzjoni u l-kontroll fuq il-baħar fil-Mediterran għall-perjodu kollu li matulu dawk il-bastimenti jkunu hemmhekk. Dak l-obbligu għandu jitqies li jkun tħares ukoll f'każijiet fejn l-Istati Membri jikkooperaw biex jibagħtu bastiment ta' spezzjoni jew f'każijiet fejn jintbagħat bastiment ta' spezzjoni tal-Unjoni fil-Mediterran.
4. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' spezzjoni għall-Unjoni. Flimkien mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tfassal programmi ta' spezzjoni konġunta biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-obbligu tagħha fil-kuntest tal-iskema tal-ICCAT. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran

¹⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/17 tal-5 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/156/UE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u tal-pixxispad fil-Mediterran u għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tas-sardin u l-inċova fil-Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana (ĠU L 4, 9.1.2018, p. 20).

għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u mal-perjodi meta jridu jintużaw dawk ir-riżorsi u maż-żoni ġeografiċi fejn iridu jintużaw.

5. Sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet tal-ispetturi u tal-bastimenti ta' spezzjoni li beħsiebhom jassenjaw għall-iskema tal-ICCAT fis-sena ta' wara. Permezz ta' dan it-tagħrif, il-Kummissjoni għandha tfassal, flimkien mal-Istati Membri, pjan annwali għall-parteciġazzjoni tal-Unjoni fl-iskema tal-ICCAT, li hija għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-1 ta' Jannar ta' kull sena.

Artikolu 28

Spezzjonijiet f'każ ta' ksur

1. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jieħu l-azzjoni msemija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jekk bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jkun kiser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
2. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li ssir spezzjoni fiżika fil-portijiet tiegħu taħt l-awtorità tiegħu jew, meta bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu ma jkunx jinsab f'xi wieħed mill-portijiet tiegħu, minn persuna li huwa jaħtar.

KAPITOLU 4

Is-sajd rikreattiv

Artikolu 29

Miżuri ta' ġestjoni

1. Kull Stat Membru għandu jipprevedi kwota għas-sajd rikreattiv fil-kwota nazzjonali tiegħu u għandu javża lill-Kummissjoni b'dan meta jkun qed jibagħtilha l-pjan tas-sajd tiegħu skont l-Artikolu 9. It-tali dispożizzjoni għandha tiżgura li l-ħut mejjet kollu jitnaqqas mill-kwota.
2. Waqt is-sajd rikreattiv għandhom ikunu pprojbiti l-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' aktar minn pixxispad wieħed għal kull bastiment kuljum.
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, kemm jista' jkun, il-pixxispad li jinqabad ħaġ waqt is-sajd rikreattiv jiġi rrilaxxat.
4. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ tal-pixxispad tal-Mediterran maqbud waqt is-sajd rikreattiv u kull tip ta' kummerċjalizzazzjoni oħra tiegħu.

Artikolu 30

Miżuri ta' kontroll

1. Il-bastimenti li jużaw "qasba u xlief" biss għandhom ikunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran waqt is-sajd rikreattiv.
2. L-informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati li jintużaw għas-sajd rikreattiv li tintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT skont l-Artikolu 16(1)(a) għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) isem il-bastiment (jekk il-bastiment ma jkollux isem, għandu jingħata n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu mingħajr l-inizjali tal-pajjiż);

- (b) in-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218;
 - (c) l-isem preċedenti tal-bastiment, meta dan ikun rilevanti;
 - (d) it-tul totali tal-bastiment;
 - (e) l-isem u l-indirizz tas-sid jew tas-sidien u tal-operatur jew tal-operaturi tal-bastiment tas-sajd.
3. Id-dejta dwar il-qabdiet, fosthom il-piż ħaj u t-tul (mix-xedaq ta' isfel sal-furketta) ta' kull pixxispad tal-Mediterran li jinqabad, jinżamm abbord u jinħatt l-art fil-kuntest tas-sajd rikreattiv, għandha tiġi rreġistrata u rrapportata skont l-Artikolu 21.
 4. Il-pixxispad tal-Mediterran jista' jinħatt l-art biss sħiħ jew bil-garġi mneħħijin u msewwi, u jista' jinħatt l-art jew f'port magħżul skont l-Artikolu 23 jew b'marka fuq kull ħuta. Kull marka għandu jkollha numru uniku speċifiku għall-pajjiż u tkun imħarsa mit-tbagħbis.
 5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programm ta' mmakar tal-ħut għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet tat-tali programm fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.
 6. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-użu tal-marki tal-ħut biss meta l-ammonti akkumulati tal-qabdiet ikunu fil-limiti tal-kwota allokata lilhom.
 7. Xahrejn u ħmistax-il ġurnata qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm tal-immakar tal-ħut. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien l-informazzjoni li tirċievi mingħand l-Istati Membri u tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT xahrejn qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT kull sena.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 31 *Rapport annwali*

1. Sal-15 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni, għas-sena kalendarja ta' qabel, dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament, u kull informazzjoni oħra rilevanti.
2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġu mmitigati l-qabdiet aċċessorji u biex jitnaqqas l-iskartar ta' pixxispad tal-Mediterran li jkun żgħir wisq, u informazzjoni dwar kull riċerka rilevanti f'dak il-qasam.
3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafi 1 u 2 u għandha tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni b'rabta mar-regoli ddettaljati għall-format tar-rapport annwali msemmi f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36.

Artikolu 32

Analiżi

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-pjan għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran skont dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Finanzjament

Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran għandu jitqies li huwa pjan pluriennali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 34

Proċedura għall-emendi

1. Meta jkun hemm bżonn biex, fil-liġi tal-Unjoni, jiġu implimentati l-emendi tar-rakkomandazzjonijiet eżistenti tal-ICCAT li jsiru jorbtu lill-Unjoni, jew biex dawn jiġu ssupplimentati, u sakemm l-emendi tal-liġi tal-Unjoni ma jmorrux lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati, b'konformità mal-Artikolu 35, biex temenda:
 - (a) l-iskadenzi għar-rappurtar tal-informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 16(1) u (3), fl-Artikolu 17(1) u (3), fl-Artikolu 21(2) u (3), fl-Artikolu 22(2), fl-Artikolu 23(3), fl-Artikolu 26(1), fl-Artikolu 27(5) u fl-Artikolu 31(1) u (3);
 - (b) il-perjodi taż-żmien tal-għeluq mogħtija fl-Artikolu 10(1) u (2);
 - (c) id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni stabbilit fl-Artikolu 11(1);
 - (d) il-livelli ta' tolleranza msemmijin fl-Artikoli 12 u 13;
 - (e) il-karatteristiċi tekniċi tal-irkaptu tas-sajd stabbiliti fl-Artikolu 14(1) sa (4);
 - (f) il-perċentwal ta' eżawriment tal-kwota stabbilit fl-Artikolu 22(1) u (2);
 - (g) l-informazzjoni dwar il-bastimenti tal-qbid imsemmija fl-Artikolu 16(2), fl-Artikolu 17(1), fl-Artikolu 21(1), (2), (3) u (4) u fl-Artikolu 23(3); u
 - (h) l-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament.
2. Kull emenda li tiġi adottata skont il-paragrafu 1 għandha tkun strettament limitata għall-implimentazzjoni tal-emendi tar-rakkomandazzjonijiet rispettivi tal-ICCAT fil-liġi tal-Unjoni u/jew taż-żidiet magħhom.

Artikolu 35

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 34 għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta'

żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jintemm kull perjodu.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 34 f'kull mument. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 34 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi mgħarraf lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrafu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 36 Proċedura ta' kumitat

Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura mwaqqaf bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 37 Emendi fir-Regolament (UE) 2017/2107

Fir-Regolament (UE) 2017/2107 jitħassru l-Artikoli 20 sa 26.

Artikolu 38 Emendi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006

Fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, il-punt 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “2. 2 500 sunnara għall-bastimenti li jkunu qed jimmiraw lejn il-pixxispad (*Xiphias gladius*) fejn dawn l-ispeċi jagħmlu minn tal-inqas 70 % tal-qabda f'piż ħaj wara li jiġu magħżula;”.

Artikolu 39

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*